MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 224/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vince Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vince Magro talli fl-24 ta’ April 2004, ghall-habta tas-7 a.m. fl-inhawi tal-Bahrija waqt stagun miftuh ghall-kacca ta’ l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja u pprova jikkaccja ghal xi ghasfur jekk ma jkunx ghasfur li mhux imsemmi fil-iskeda I(b);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Vince Magro hati u kkundannatu ghal multa ta’ mitt liri Maltin (LM100);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Vince Magro tal-1 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrizolvi ruhu f'ilment wiehed, cioe` li ma sarx apprezzament tajjeb tal-provi mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk hija rikjesta taghmel apprezzament mill-gdid b'dan illi stante li x-xiehda mismugha quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta, hija semghet ix-xiehda mill-gdid. Jinghad ukoll li ghalkemm mill-verbal tas-seduta li nzammet quddiem l-ewwel Qorti l-appellant (allura imputat) kien xehed, quddiem din il-Qorti ghazel li ma jixhidx u ghalhekk din il-Qorti kellha l-opportunita` tevalwa biss ix-xiehda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni.

L-appellant jispjega l-aggravju tieghu hekk:

"1. Illi l-Pulizija fl-akkuzi taghha allegat li Vince Magro kien spara sabiex joqtol seqer, mentri mix-xiehda stess taz-zewg pulizija tal-ALE huwa evidenti li l-intenzjoni ta' Magro kienet bis lijgerrex is-seqer u ma jibqax gej fid-direzzjoni tal-mansab tieghu. Tant kien hekk li l-pulizija fix-xiehda taghhom ammettew li Magro kien spara tir wiehed biss u li s-senter tieghu seta' jispara sa tliet tiri. Ghaldaqstant, li kieku Magro verament ried joqtol is-seqer kien ikompli jispara u mhux jispara tir wiehed u jibqa' jhares lejn is-seqer.

2. Illi mix-xiehda moghtija fil-Qorti tohrog carament li s-seqer tant kien fil-vicin tal-mansab li Magro seta' facilment

joqtol it-tajra minghajr ebda diffikulta`, madanakollu t-tajra lanqas biss intlaqtet, u baqghet sejra f'direzzjoni ohra.

3. Illi Magro fix-xiehda tieghu qal li l-pulizija tal-ALE lanqas biss ratu jispara. Tant hu hekk li l-pulizija meta semghu l-hoss tat-tir marru l-ewwel fuq it-tifel ta' Vince Magro li kien qieghed ghal kacca fil-vicinanzi. Kien biss wara li saru jafu li ma kienx it-tifel li spara izda l-missier li marru fid-dura ta' Vince Magro.

4. Illi l-esponenti meta gie mistoqsi mill-pulizija jekk kienx huwa li spara t-tir, dan mal-ewwel ammetta u spjega r-raguni ghaliex kien ghamel hekk. Il-pulizija fix-xieha taghha qalet li Magro lanqas biss hareg mid-dura, huwa spara mid-dura. Certament li kaccatur li jrid jispara lejn seqer ma jisparax mid-dura stess u lanqas jispara minn bil-qieghda.

5. Illi meta wiehed jara x-xiehda tal-pulizija u dik tal-imputat jirrizulta l ihemm verzjoni wahda tal-fatti u li x-xhud (**sic!**) jikkorroboraw lil xulxin.

6. Illi huwa minnu li l-imputat kien spara tir, izda dan il-fatt wahdu ma huwiex azzjoni punibbli ghaliex dak in-nhar l-istagun tal-kazza kien miftuh u ghalhekk wiehed sta' jispara. Ghar-rigward jekk Magro sparax lejn it-tajra bi hsieb li joqtolha dan qatt ma gie konfermat mill-pulizija tal-ALE fix-xiehda taghhom. Anzi z-zewg pulizija bil-gurament qalu li huma semghu tir wiehed, huma qatt ma qalu li Vince Magro spara lejn is-seqer jew ghamel xi azzjoni li tindika li l-imputat kellu hsieb joqtol it-tajra. Ghalhekk il-pulizija ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat ried joqtol is-seqer. Huma qalu biss li Magro spara tir."

Naturalment, peress illi l-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti, hija mhijiex se tqis x'seta' qal quddiem l-ewwel Qorti kif gie indikat fir-rikors ta' appell tieghu. Hija trid necessarjament toqghod fuq dak li xehdu quddiemha l-pulizija ta' l-ALE, u cioe` P.C. 804 Leonard Formosa u P.C. 1462 James Green.

P.C. 804 xehed li fil-gurnata in kwistjoni kien ma' P.C. 1462 u P.C. 963 fl-inhawi tal-Bahrija, semghu tir ta' senter, innutaw seqer jitbaxxa u jibqa' sejjer u individwaw lill-appellant bhala l-persuna li kien spara t-tir. L-appellant kien fid-dura tieghu u meta kellmuh huwa ammetta li kien spara fid-direzzjoni tas-seqer izda qallhom li dan m'ghamlux biex joqtol is-seqer izda biex igerrxu peress illi huwa kien qieghed jonsob u kellu l-ghasafar tat-tahrik u beza' li s-seqer jinzel u jikollu l-ghasafar tat-tahrik. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk is-seqer kienx fil-vicinanza tad-dura, ix-xhud wiegeb: "Dan zgur; vwoldieri jekk tispara dirett ghalih ser toqtlu zgur", u rega' tenna: "Jekk ikollu jispara fuqu kien joqtlu jigifieri".

P.C. 1462 xehed li meta kellmu lill-appellant, huwa "ammetta maghna li kien spara fuq is-seqer, u qal li spara fuqu ghax is-seqer kien ser jattakkalu l-ghasafar".

Minn dawn il-provi ghalhekk jirrizulta li ghandna ammissjoni inekwivoka ta' l-appellant li kien hu li spara u, skond P.C. 804 fid-direzzjoni tas-seqer. Il-fatt li s-seqer ma ntlaqatx huwa certament a beneficcju ta' l-appellant, kif jidher anke mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li biex tgerrex seqer hemm bzonn tisparalu. Wara kollox l-appellant ma ressaq l-ebda prova biex juri li kien hemm l-imminenza ta' attakk mis-seqer jew li ma kellux alternattiva ohra hlief li jispara.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------